Kitba li dahlet ghall-konkors ta' kitba dwar folklor 1988
taqsima kbar.

# LOGHOB TAT-TFAL TA' DARI

minn Rose-Anne Felice

Hemm differenza kbira bejn il-loghob tallum u dak ta' dari. Izda l-aktar haga li tolqotni hu l-fatt, li it-tfal kienu juzaw il-fakulta' kreattiva aktar mit-tfal ta' llum. Kienu jilghabu b'materjal semplici li ma jiswiex flus biex joholqu loghob interessanti ghalihom.

Loghoba li kienet popolari ferm fost it-tfal ta' dari kienet il-loghba tal-FATT. Hawn it-tfal kienu jpingu cirku kbir ma' l-art, u iehor zghir f'nofsu. Fic-cirku z-zghir kienu jpoggu xi soldi, u b'sold iehor f'idhom kienu jippruvaw itajru dawk is-soldi minn posthom. Naturalment, mhux dejjem kienu juzaw muniti, izda aktar il-gellewz, fejn flok is-soldi jqeghdu l-gellewz fin-nofs, u jilghabu b'gellewza li kienet tkun differenti. Din il-gellewza li jilghabu biha kienet tkun imtaqqba biex inehhulha l-qalba, u fiha jpoggu comb mahlul, b'hekk kienet issir tqila bizzejjed biex ittajjar il-gellewz ta' coc-cirku.

Il-Fatt




Loghba ohra interessanti jisimha PIŻAL. F'din il-loghba, kull tifel u tifla jkollhom hames caghqiet. Minn dawn il-hamsa kienu jaghzlu wahda u jsejhulha l-Mamma. Id wahda kienu jmissuha ma' l-art forma ta' mina, bis-sebgha l-ohxon fuq naha u zewg swaba ohra mrikkbin fuq l-ohra. Bl-id l-hra kienu jaqbdu c-caghqa msejha mamma u jgholluha l-fuq; sadattant waqt li din tkun fuq, qabel tmiss ma' l-art, jippruvaw idahhlu xi wahda mic-caghqiet l-ohrajn gol-mina.

(ara d-disinn fuq il-faccata l-ohra)

il-mina
maghmula
bis-swaba
fil-loghba
tal-Pizal



waqt li caghqa
tintefa' l-fuq,
xi caghqa mill-
ohrajn tinxtehet
fil-mina.



Fl-imghoddi, iz-zwiemel armati bis-serkin kienu aktar komuni mil-llum, u kont tara karrettuni ma' kullimkien. Ghalhekk ma seghax jonqos li dan l-element jidhol ukoll fil-loghoh tat-tfal. Naturalment, it-tfal ma kienux juzaw zwiemel, izda kienu jilghabu b'xi kelb. Flok il-karrettun kienu jsibu xi kaxxa, u maghha jwahhlu roti, li kienu jkunu xi ghatijiet ta' bottijiet jew xi hag'ohra tal-landa. Flok ir-riedni, it-tfal kienu juzaw xi rumnell jew habel irqiq jew xi suf b'xi rukkell biek ikun jixbah liz-ziemel.

Il-bniet, pupu kien ikollhom, izda gie li kienu juzaw xi trajbu tac-combini; fuq it-trajbu kienu jpingu l-ghajnejn bil-lapes, u jhitu l-halq bis-suf, b'hekk malajr kien ikollhom tarbija.

Popolari ukoll kien ic-cippitatu. Dan kienikun bicca ghuda, isfel tond, u fuq aktarx wiesa' u catt; Biex jilghabu bih, it-tfal kienu jaqbdu l-frosta, u jolqtuh b'mod, li dan ic-cipp-itatu jibda jdur .



Is-subien kienu jhobbu aktar jilghabu bic-cirku li kien ikun tal-hadid jew xi hag'ohra simili, u b'xi bicca fildiferru jew hadida mghawga apposta fit-tarf, izommuha fidhom, u jigru waqt li jimbuttaw ic-cirku biha. Waqt li jigru bic-cirku duqqiemhom, kienu wkoll itellqu fl-istess waqt.

It-tfal ukoll kienu jhobbu jilghabu b'xi raddiena li jaghmlu huma. Dien kienet tkun raddiena biex tixbah il-loghob tan-nar ta' l-art. Kienu jaghmlu speci ta' salib ta' njam irqiq b'xi bicciet ohra hergin mil-lasti. Dan is-salib ckejken kienu jwahhlu mieghu bictejn karti bl-ilma u dqiq, u maghhom iwahhlu rjus tas-sulfarini imqabbdin flimkien b'micca. Meta jaqbdu, dawn jidhru qishom loghob tan-nar.